**29 ta' April, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Konkors ta' Kredituri – numru 1/1984 ta' Anthony Debono bħala Segretarju u Direttur għan-nom u in rappresentenza tas-soċjetà *"The Kursaal Company Limited"*

**Kreditu – Konkors – Konkors ta' Kredituri – Bank – Self – Kont Kurrenti – Prattika Bankarja – Użu – Użu Kummerċjali – Użu Bankarju – Ipoteka**

*L-Appell sar fl-atti tal-Konkors tal-Kredituri tas-soċjetà The Kursaal Company Limited. Il-punt li ried jiġi deċiż kien dwar ammont li kien magħmul minn imgħax minn overdraft accounts li l-Bank Appellant kien ikkonċeda lid-debitriċi Kursaal.*

*L-ewwel Qorti rriteniet illi skond il-ġurisprudenza l-imgħaxijiet li joriġinaw minn kont kurrent, la darba jkunu kapitalizzati skond kif trid il-liġi, dawn jitilfu n-natura tagħhom ta' imgħax u jikkostitwixxu kapital ieħor ġdid. Il-konsegwenza kienet illi l-ipoteka li kienet tiggarantixxi d-debitu tal-kont kurrent għas-somma prestabblita ma kinitx testendi għal kwalsiasi somma addizzjonali aktar minn dik: kwalunkwe somma bħal dik ma tkunx supplementari għaliha bħal ma jkunu l-interessi jew imgħax u billi dan huwa kapitalizzat, ma jkunx garantit mill-ipoteka għal dik il-parti s-somma totali li teċċedi l-massimu kkontemplat konvenzjonalment meta ġiet ikkostitwita l-ipoteka. Dan naturalment huwa rilevanti fil-gradazzjoni tal-konkorrenti.*

*Il-Qorti ta' l-Appell affermat dak li kienet stabbiliet l-ewwel Qorti bil-korrettiv però illi l-kapitalizzazzjoni ma tistax issir aktar minn darba f'sena, għaliex l-użu kummerċjali ma jistax jidderoga għar-regola fundamentali li teskludi l-anatoċiżmu – għaliex altrimenti l-kapitalizzazzjoni aktar frekwenti tkun qiegħed prattikament tikkonkretizza l-qligħ ta' interessi fuq interessi qabel ma dawn jiġu verament kapitalizzati skond il-liġi, inkluż l-użu kummerċjali bankarju. Il-kapitalizzazzjoni bejn bank u klijent issir annwalment mingħajr il-ħtieġa ta' interpellazzjoni ġudizzjarja jekk kemm-il darba l-korrent kurrent ikun jiddekorri bejn il-bank u negozjant – proprja in forza ta' użu kummerċjali.*

1. Il-Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Novembru, 1988, iddeċidiet id-diversi punti in kontroversja li ġew issollevati matul il-proċediment tal-konkors tal-kredituri tal-kumpanija *The Kursaal Company Limited,* wara ċ-ċedola ta' depożitu numru 54 ta' l-1984 fl-ismijiet Dottor Noel Zarb Adami f'isem *The Malta Development Corporation vs* Avukat Dottor Grazio Mercieca f'isem *The Bank of Valletta Limited,* Anthony Debono Segretarju u Direttur f'isem *The Kursaal Company Limited,* liema ċedola kienet iddepożitat taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti miljun u ħames mitt elf lira (Lm1,500,000);

L-istess sentenza stabbiliet il-krediti tal-konkorrenti u kif għandhom jiggradwaw biex l-istess krediti jiġu mħallsa – *in toto* jew *in parte;*

2. Jinteressa issa, f'dan l-aħħar stadju tal-kawża, dak li ġie deċiż rigward is-somma ta' ħamsa u tmenin elf u mija u tmenin lira (Lm85,180) u xi ċenteżmi, li *The Bank of Valletta Limited* – (imsejħa aktar 'il quddiem – il-Bank) li kienet magħmulha minn imgħax li kien akkumula fl-"overdraft *accounts*" li l-Bank kien ikkonċeda lid-debitriċi *The Kursaal Company Limited* (imsejħa aktar 'il quddiem – Il-Kursal) billi

l-ewwel Qorti kkunsidrat illi taċċetta dak li, fuq dan il-punt, intqal fir-rapport tal-perit ġudizzjarju l-avukat dottor Richard Galea Debono;

3. Il-konsiderazzjoni tal-perit kienet fis-sens illi skond il-ġurisprudenza l-imgħaxijiet li joriġinaw minn kont kurrent, ladarba jiġu kapitalizzati skond kif trid il-liġi, dawn jitilfu n-natura tagħhom ta' imgħax u jikkostitwixxu kapital ieħor ġdid – kif hemm fis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla tat-30 ta' April, 1947, fl-ismijiet – Edwin Vassallo *noe vs* Salvatore Bellucci (Vol. XXXIII.II.64);

Il-konsegwenza ta' dan tkun illi l-ipoteka li kienet tiggarantixxi d-debitu tal-kont kurrent sas-somma prestabbilita ta' ħames mija u sebgħin elf lira (Lm570,000) ma testendix għal kwalsiasi somma addizzjonali, akbar minn din, inkwantu kwalunkwe somma bħal dik ma tkunx supplementari għaliha, bħal ma jkunu l-interessi jew imgħax, billi dan huwa kapitalizzat, ma jkunx garantit mill-ipoteka għal dik il-parti mis-somma totali li teċċedi l-massimu kkontemplat konvenzjonalment, meta ġiet ikkostitwita l-ipoteka;

4. Il-Bank appella għaliex l-artikolu 2095 Kap. 16, jiddisponi preċiżament illi:

"Fl-istess grad li fih ikun imqiegħed kreditu, jitqiegħdu l-imgħaxijiet ta' dak il-kreditu, l-ispejjeż ta' l-iskrizzjoni u l-ispejjeż magħmulin, meta hu meħtieġ, biex il-kreditu jiġi magħruf b'sentenza kemm-il darba dawn l-ispejjeż ta' l-aħħar ma jkunux privileġġjati xort'oħra";

5. Dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti huwa bbażat fuq il-

ġurisprudenza tagħna li ssegwi, fuq dan il-punt il-ġurisprudenza franċiża, kif hemm irriferit fis-sentenza msemmija fil-paragrafu 3 *supra*. L-użu kummerċjali bankarju, huwa illi l-interessi fuq kont kurrent jiġu kapitalizzati kull sena, – qalet dik is-sentenza – u għalhekk ir-regola ta' l-artikolu 2055 Kap. 16, ma tistax tapplika f'każijiet bħal dawn in kwistjoni għaliex hawnhekk ma jeżistux "imgħaxijiet fuq il-kreditu" billi l-kreditu huwa dak li, wara sena, huwa kompost, skond il-ftehim u l-użu bankarju, minn dak l-ammont li jkun ittieħed mid-debitu fil-kont kurrent u dak l-ammont li jirriżulta dovut għall-imgħaxijiet ta' sena, ikkomputati però "*dietim*" meta l-kont jingħalaq biex imbagħad jerġa' jiġi rinnovat – kif difatti tinnota s-sentenza msemmija Vassallo *vs* Ballucci;

6. Din il-Qorti taqbel ma' din il-ġurisprudenza, b'dan il-korrettiv però, illi l-kapitalizzazzjoni ma tistax issir aktar minn darba f'sena, għaliex l-użu kummerċjali ma jistax jidderoga għar-regola fundamentali li teskludi l-anatoċiżmu – għaliex atrimenti, il-kapitalizzazzjoni aktar frekwenti tkun qiegħda prattikament tikkonkretizza l-qligħ ta' interessi fuq interessi, qabel ma dawn jiġu verament kapitalizzati skond il-liġi, inkluż l-użu kummerċjali bankarju, li dik is-sentenza ssemmi, li bejn bank u klijenti il-kapitalizzazzjoni ssir annwalment, mingħajr il-ħtieġa ta' interpellazzjoni ġudizzjarja jekk kemm-il darba l-kont kurrent ikun jiddekorri bejn il-bank u negozjant – proprju *in forza* ta' dan l-użu kummerċjali;

L-art. 1142, Kap. 16, jiddisponi illi:

"L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dik in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim

li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena'';

L-użu kummerċjali, in materja, biddel dik il-parti ta' dan l-artikolu li tesiġi talba ġudizzjarja jew ftehim wara li jagħlqu l-interessi, fis-sens illi, l-interessi ġġenerati minn kont kurrent bankarju, jiġu awtomatikament kapitalizzati annwalment mingħajr il-bżonn ta' talba ġudizzjarja jew ftehim li jintlaħaq wara li tagħlaq sena;

7. Paradossalment, huwa l-bank, li f'din il-kawża, m'huwiex jagħti piż li dawn ir-regoli ta' l-użu kummerċjali u fil-petizzjoni ta' l-appell jgħid illi ''li tgħid li l-imgħax sar kapital hija sempliċement finzjoni legali'' meta *semmai* din il-''finzjoni'' nħolqot mill-prattika u l-użu tal-kummerċ bankarju u l-liġi segwiet il-prattika biex tirregola u tagħmilha konformi mal-prinċipji ġenerali tal-ġustizzja inkluż it-trażżin ta' l-użura (ara – R.H. Tawney – *Religion and the Rise of Capitalism* – *(Penguin Reprint 1990 of the original March 1926 Edition p. 48 – 56)*. Dan qiegħed jingħad għaliex altrimenti jista' jinftiehem li din il-Qorti taqbel ma' dak li, f'din il-kawża ssottomettiet *Wands Limited* fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha tat-28 ta' Awissu, 1985, billi l-istess nota ssegwi dak li hemm fis-sentenza Vassallo *vs* Bellucci għar-rigward tal-possibbilità li l-partijiet jiftiehmu li l-kapitalizzazzjoni ta' l-interessi ssir minn ġurnata għall-oħra, billi tistrieħ anki fuq l-opinjoni ta' ġuristi taljani – (li s-sentenza Vassallo *vs* Ballucci, in verità teskludi). Huwa paradossali li f'din il-kawża, il-posizzjoni pretestwuża tal-banek, matul is-sekli, hija difiża proprju mill-parti avversa għall-bank, fil-preżenti kontroversja rigward estensjoni ta' l-ipoteka konvenzjonali fuq kont kurrent;

Finalment, huwa daqstant ieħor inappalikabbli għall-ġurisprudenza tagħha dak li hemm invokat mill-banka appellanti fuq dak li ġie ritenut fil-ġurisprudenza Ingliża skond Paget f' *"The Law of Banking"* ikkwotat fin-nota ta' osservazzjonijiet tat-13 ta' Ottubru, 1986;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell huwa miċħud u s-sentenza tas-7 ta' Novembru, 1988, hija kkonfermata;

L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa.